# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tat-23 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 25 ta' Mejju 2016 fis-5.45 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Ambaxxatur Żagħżugħ** | Owen Muscat |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużat** | |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |

**23/01** **Talba**

**23/01/01** Il-Kunsill skuża lill-Kunsillier Christopher Fenech li ma setgħax jattendi għal-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.45 p.m. billi ntqalet it-talba.

**23/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 22**

**23/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-Minuti Nru 22.

**23/03** **Punti mtella' mill-Minuti 22**

**23/03/01** **Para 22/03/01:** Ġie innutata li saret il-U bollard fi Triq San Ġwann.

**23/03/02** **Para 22/03/02:** Kien hemm qbil li jsir 40% pagament lill-kuntrattur għax-xogħlijiet ta' Triq Fra Dumink Mifsud hekk skont il-ftehim wara li nkunu rcevejna r-rizultati tat-testijiet ikkonfermati minghand il-Perit. Meta nirċievu l-irċevuta għandu jinbeda l-proċedura biex napplikaw għall-fondi tal-PPP.

**23/03/03** **Para 22/03/03:** Is-Sur Carl Grech iltaqa' mal-kuntrattur tal-latrina u tal-knis. Għandha tinġabar skeda ta' knis mingħand il-kuntrattur halli tiġi mghoddija lir-residenti halli jkunu jafu meta suppost tinkines it-triq fejn joqghodu.

**23/03/04** **Para 22/03/04:** Ġie deċiż li jitħallas 200 Ewro għall-kont tal-ARMS tal-uffiċċju tal-Kunsill sakemm ikollna risposta.

**23/03/05** **Para 22/03/05:** Il-Kunsill ġie nfurmat li saret it-talba lil MPT għal-laqgħa u qed nistennew risposta. Għandha tintbagħat reminder.

**23/03/06** **Para 22/03/06:** Il-Perit tal-għassa għandu jressaq rapport lil GDP fuq il-kundizzjoni li jinsabu fihom il-Victoria Lines.

**23/03/07** **Para 22/03/07:** Kien hemm qbil li tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-fondi UIF bil-pjanti eżistenti għall-Ġnien ta' Żagħruna.

**23/03/08** **Para 22/04/03:** Ġie innutat li tneħħew it-tabelli li kien hemm fl-aħħar parti ta' Triq Fidel Zarb.

**23/03/09** **Para 22/04/08:** Ġie innutat li l-bozoz fi Triq l-Għaxqet l-Għajn u Triq iż-Żagħruna għadhom pendenti. Fuq il-bozza ta Triq Zgharuna qedin nistennew konferma minghand l-Enemalta li huma ser jiehdu hsieb iwasslu d-dawl ghall-bozza l-gdida.

**23/03/10** **Para 22/04/09:** Saret il-PO lid-distretti biex isiru t-toqob fi Triq l-Oratorju u Triq Emmanuel Perren. Dan ix-xogħol għadu pendenti.

**23/03/11** **Para 22/05/07:** Il-Kunsill innota t-titjib fis-servizz tal-latrina. Il-mera fil-latrina għandha teħel din il-ġimgħa.

**23/03/12** **Para 22/05/08:** Ġie deċiż li ssir junction box fis-sqaq fi Triq Mons L Catania. Din għanda ssir il-ġimgħa d-dieħla.

**23/03/13** **Para 22/07/01:** Ġie innutat is-suċċess tal-attività Għargħur mal-Medda taż-Żmien. Għandu jsir ukoll kuntatt mal-iżviluppatur rigward il-boundary wall f'sit fi Triq l-Isqof Gargallo u jintalab li jħallas tal-permess..

**23/03/14** **Para 22/07/02:** Il-Kunsill innota li l-uffiċċju tal-LEAP fil-Għargħur ser jinfetaħ il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju 2016.

**23/04** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**23/04/01** Ġie innutat li ħarġu r-riżultati tal-Pool tas-Segretarji Eżekuttivi. Għandha tinħareġ is-sejħa meta tinħareġ il-lista finali tal-pool.

**23/04/02** Kien hemm qbil li jsir resurfacing tal-aħħar parti ta' Triq Caravaggio. Ġie deċiż li tinħareġ tender period contract għal xogħlijiet bħal dawn.

**23/04/03** Ġie innutat li tneħħa l-ħawt mill-Pulizija minn Triq San Ġwann. Kien hemm diskussjoni peress li issa aktar karrozzi qedin jipparkjaw abbużivament u qedin jostakolaw il-mixi tat-traffiku. Gie deċiż li jinzebgha mill-gdid id-double yellow lines halli jkunu jidhru aktar.

**23/04/04** Is-Sur Alfred Muscat attenda għal preżentazzjoni tan-Nazzareno Vassallo Award u rringrazzja lill-Kunsill talli nnominah.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

Kien hemm qbil fuq l-attivitajiet li għandhom jiġu organizzati mill-Kunsill. Dawn huma:

**23/04/05** 14 ta' Ġunju Coffee Morning, 16 ta' Ġunju Ħarġa għal Għawdex, 24 ta' Ġunju l-Ħuġġieġa ta' San Ġwann, 8 ta' Lulju Majjalata, 12 ta' Lulju Buffet Breakfast, 12 ta' Lulju Water Games, 16 ta' Lulju Jum il-Għargħur, 19 ta' Awwissu Boat Party u 29 ta' Awwissu x-Xalata.

**23/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**23/05/01** Talba biex isir boundary wall minflok railing f'plot fi Triq Santa Katerina. Dan mhux possibbli minħabba li hija plot privata.

**23/05/02** Cas 18105-POK5H2 – Talba biex issir doggie bin fi Triq l-Għaxqet l-Għajn. Diġà hemm wieħed f'din is-sit.

**23/05/03** Talba biex issir No Heavy Vehicles fi Triq Ferdinand. Diġà hemm dawn it-tabelli.

**23/05/04** Talba biex isiru marki tal-parkeġġ fi Triq l-Indipendenza. Ma kienx hemm qbil fuq din.

**23/05/05** Is-Sur Mark Azzopardi talab biex isiru tabelli No Stopping fejn hemm double yellow lines fi Triq Fidel Zarb. Kien hemm qbil fuq dawn.

**23/05/06** Is-Sur Mario Gauci ġab għall-attenzjoni diversi ilmenti dwar il bżonn ta' aktar infurzar minħabba parkeġġ illegali fi Triq San Ġwann speċjalment bejn Triq Gargallo u Triq Stiefnu Zerafa. Is-Sindku ser jiehu hsieb ikellem lill-Gwardjani u l-Pulizija. Hu semma ukoll li qed jidhlu hafna ilmenti dwar hmieg fit-toroq minhabba nuqqas ta knis u qtuh tal-haxix fost dawn fi Triq Naxxar, Triq Mons L Catania, Triq Sta Katerina, Triq il-Gnien etc. L-Agent S.E. informa li ser ikellem lill-kuntrattur hu.

**23/06** ***Korrispondenza***

**23/06/01** Kien hemm qbil li titħallas il-miżata, 2500 Ewro, għal Majjistal Action Group għal ħames snin li gejin.

**23/06/02** Ġie innutat li ġew aċċettati l-life long learning courses għall-ingliż. Dawn ser isiru fil-Kunsill minn Ottubru bejn il-5.30pm u s-7.30pm.

**23/06/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-GDP rigward is-Search Light Battery.

**23/06/04** Kien hemm diskussjoni rigward Premju Nazzjonali b'Ħilti Wasalt. Il-Kunsill ma ressaqx nomina.

**23/06/05** Kien hemm diskussjoni rigward attivita l-Ikla t-Tajba mill-Valletta 18. Għandhom jiġu nfurmati l-għaqdiet tal-lokal.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**23/06/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**23/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**23/07/01** Is-Sindku ressaq il-proposta tal-kumpanija privata rigward traffic management fi Triq il-Gnien. Dawn għandhom jiġu ppreżentati lil TM. Il-Kunsill qabel li dan hu xoghol ta TM u huma ghandhom jiehdu hsieb li jsolvu din il-problema.

**23/07/02** Kien hemm diskussjoni fuq l-Audit Adjustment imressqa mill-Awditur tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-Audited Accounts ghas-sena 2015.

**23/08** **Appovazzjoni tal-Pagamenti**

**23/08/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti.

**23/09** **Aġġornament**

**23/09/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-6.55p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 28 ta' Ġunju 2016 fis-6.00pm.

**Giljan Aquilina** **Kurt Guillaumier**
**Sindku** **Aġent Segretarju Eżekuttiv**